Dipartiment tal-Eżamijiet

POST TA' UFFIĊJAL PRINĊIPALI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU TA' MALTA - 2021

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsir proċess ta' għażla kompetittiv għad-dħul fil-grad ta' Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

   Il-kandidati, kemm interni kif ukoll dawk esterni, iridu jgħaddu mill-istess proċess ta' għażla.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Is-salarju ta' Uffiċjal Prinċipali huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2021 huwa ta' €21,267 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €23,713.

2.2 Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Prinċipali titla' fi Skala 9 (€22,633 x €447.33 - €25,317 fis-sena 2021) wara sentejn (2) ta' servizz fil-grad.

2.3 Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Prinċipali jerga' jipprogressa għal Skala 8 (€24,091 x €486.83 - €27,012 fis-sena 2021) wara għaxar (10) snin ta' servizz fil-grad.

2.4 Finalment persuna fil-grad ta' Uffiċjal Prinċipali tipprogressa għal Skala 7 (€ 25,656 x €531.17 - €28,843 fis-sena 2021) wara tnax (12)-il sena servizz fil-grad.

2.5 Il-progressjoni ta' Uffiċjal Prinċipali minn skala għall-oħra hija dejjem suġġetta għal servizz sodisfaċenti.

2.6 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena (1), hi fuq bażi full-time u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Publiku ta' Malta b'mod ġenerali u l-persuna maħtura tista' tiġi trasferita sabiex ikun jista' jingħata servizz effettiv.

2.7 Għall-konferma tal-ħatra tagħhom, dawk maħtura jridu jkunu temew iż-żmien ta' prova tagħhom u jridu jkunu temmew b'suċċess il-kors ta' induzzjoni kif offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

2.8 Applikazzjonijiet laterali minn Uffiċjali Pubbliċi fl-istess grad mhumiex aċċettabbli.

2.9 Il-postijiet allokati ser ikunu għal perjodu minimu ta' sentejn (2) qabel ma jkunu jistgħu jintalbu trasferimenti. Tali postijiet ikunu suġġetti għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti

2.10 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn ta' l-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Uffiċjal Prinċipali jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i.

a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġizlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; **jew**

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument "Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika".

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identita` Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. Ta' proficjenza avvanzata, kemm b'mod verbali kif ukoll fil-kitba, fil-lingwa Maltija u dik Ingliża (Livell C1/C2 tal-Common European Framework of Reference for Languages);

iii. Eliġibbli f'**waħda** mill-kategoriji t'hawn taħt (a, b jew c):

a. fil-pussess ta' Bachelor's degree rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET krediti, jew ekwivalenti*) f'suġġetti fejn il-qasam ta'

studju ewlieni jew sekondarju jkun f'wieħed minn dawn: Public Policy/Amministrazzjoni, Management/Business Studies, Riżorsi Umani/Taħriġ u Żvilupp, Relazzjonijiet Industrijali u x-Xogħol, Finanzi/Accounts, Ekonomija, Kummerċ, Politika Soċjali, Relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja u Internazzjonali, Studji Legali, Komunikazzjoni, Teknoloġija tal-Informatika u ICT, Environmental Studies, Studji relatati mal-immaniġġjar tal-agrikoltura/maniġġjar tal-enerġija, Statistika, Built Environment, Project Management, Procurement, Quality Management u Health Management jew kwalifika rikonoxxuta professjonali komparabbli fil-livel 6 tal-MQF fil-Finanzi jew Accounts jew Teknoloġija tal-Informatika u ICT. Ir-responsabbilta' hija tal-kandidati li jippruvaw li l-kwalifiki li jħaddnu huma relatati mas-suġġetti mitluba; madankollu d-deċiżjoni finali tkun il-prerogattiva tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards, liema deċiżjoni tkun suġġetta għal kontestazzjoni quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; **u**

fil-pussess ta' kwalifika li turi li għaddew (almenu fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f'livell 3 tal-MQF, jew Kwalifika Vokazzjonali sħiħa f'livell 3 tal-MQF, jew kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja fil-livell 3 tal-MQF, f'IT Office Application Skills**, sakemm dan is-suġġett mhuwiex inkluż bħala suġġett separat fil-kors ta' studju segwit fl-livell 6 tal-MQF;

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentarja dwar l-ECTS/ECVET kretti jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 180 ECTS/ECVET kretti. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

** qed jiġi kkjarifikat li b'referenza għall-IT Office Application Skills, dan ikopri kwalunkwe kors komplut b'suċċess organizzat mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. (IPS) jew f'livell 3 tal-MQF akkreditat mill-ECDL Malta jew mill-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA).

**Jew**

b. Uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata;

**Jew**

c. Uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata, li jkollhom minimu ta' erba' (4) snin servizz sodisfaċenti fil-grad.

iv. **Uffiċjali Pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.**

4.2 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Officer in Grade u li għandhom grad preċedenti sostantiv fil-Klassi tas-Servizz Ġenerali jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Officer in Grade, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala Officer in Grade huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali Pubbliċi li huma kkonfermati fi grad tas-Servizz Ġenerali li qed jibbenifikaw minn Skala li ma tikkorispondix mal-grad tagħhom, b'riżultat tal-istatus ta' Uffiċjal fi Skala 13 (Officer in Scale), jew ogħla, huma eliġibbli biex japplikaw għall-grad ta' Uffiċjal Prinċipali.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbilta' għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 Uffiċjali Pubbliċi li huma sekondati/mislufin/detailed/deployed/attached ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku jistgħu japplikaw ukoll.

4.6 Uffiċjali Pubbliċi li jaqgħu taħt il-kriterji ta' eliġibbiltà 4.1 (iii) u li jinħatru fil-grad ta' Uffiċjal Prinċipali iridu jġibu prova li temmew kompletament u b'suċċess kors fl-IT Office Application Skills organizzat mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS) jew f'livell 3 tal-MQF akkreditat mill-ECDL Malta jew mill-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), sabiex il-ħatra tiġi kkonfermata.

4.7 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest f'sub paragrafu 4.1 (iii) (a) hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters f'livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti*.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentarja dwar l-ECTS/ECVET Kretti jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60 ECTS/ECVET kretti. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-krediti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

4.8 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux il-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) jew kif indikat f'paragrafu 4.7, xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza mill-istituzzjoni edukattiva li huma rregistrati għat-tali kwalifika u li se jingħataw din il-kwalifika sat-30 ta' Novembru 2021. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-kandidati jew jiġu skwalifikati mir-riżultat jew il-ħatra tagħhom tiġi ipso facto,

awtomatikament terminata, kif applikabbli. Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

4.9 L- applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mid-Direttur tal-Eżamijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awotrità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.10 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.9 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.11 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwanlunke bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.12 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt jew https://edurecruitment.gov.mt.

5.2 Id-dokumenti oriġinali, flimkien ma' kopji tal-Performance Appraisals ta' l-aħħar tliet (3) snin fil-każ ta' applikanti li diġa' qed iservu fis-Servizz Pubbliku, għandhom mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1 L-għażla tal-kandidati tkun f'żewġ partijiet:

i. L-ewwel parti tkun tikkonsisti f'test, permezz tal-kompjuter, kompletament awtomatizzat, fl-abbilta' ġenerali, li permezz tiegħu l-applikanti jkunu assessjati fil-ħiliet verbali, numeriċi u astratti, fuq il-bażi tar-rispons tagħhom għal sett ta' mistoqsijiet. Il-kandidati jridu jġibu rata ta' 60% biex jgħaddu, li tista' tkun riveduta għal 50% fl-eventwalita' li n-numru ta' kandidati li jgħaddu ma jilħaqx ir-ratios stabbiliti meħtieġa biex jimtlew il-postijiet vakanti. Din l-ewwel parti tkun immexxija mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

Għandu jiġi nnutat li applikanti li diġa għamlu it-test, permezz tal-kompjuter, kompletament awtomatizzat, fl-abbilta' ġenerali, jistgħu jagħżlu li:

ma joqogħdux għat-tali test, u għaldaqstant iżommu l-marka li ġabu qabel, dment li tissodisfa l-passmark skont 6.1 (i), li r-riżultat ikun għadu validu u li l-kontenut tat-test ikun identiku;

jew

joqogħdu għat-test darboħra, f'liema każ, l-aħjar marka mit-tnejn, għandha tiġi kkunsidrata.

ii. Fit-tieni parti, il-kandidati li jkunu għaddew mill-ewwel parti u li jkunu ġew shortlisted skont il-provvedimenti ta' para 6.2 hawn isfel, jiġu mitluba joqogħdu għall-intervista strutturata, bil-valuri tax-xoghol u personalita' inklużi bħala parti mill-kriterji tal-assessjar. L-intervista tkun immexxija minn Bord ta' Għażla.

6.2 Il-kandidati eliġibbli jiġu mgħajta għall-intervista skont il-mertu li jkunu akkwistaw fit-test ta' abbilta' ġenerali li jkun sar biex jiġu assessjati il-ħiliet verbali, astratti u numeriċi, u fuq bażi ta' shortlisting skont ir-ratio ta' 1:1.5 sa 1:2 tal-postijiet vakanti li jkun hemm.

6.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.10, għandhom esperjenza ta' xoghol relevanti u ppruvata.

6.4 L-ordni tal-mertu finali tal-kandidati tiġi determinata mill-marki totali li jinkisbu fit-test ta' abbilta' ġenerali u fl-intervista. Kandidati li għandhom servizz sodisfaċenti fil-Klassi tal-General Service jiġu mgħotija sa massimu ta' ħmistax (15)-il marka.

6.5 Il-livell ta' prestazzjoni fit-test dwar l-abbilta' ġenerali jkun rifless b'mod proporzjonat fil-marki assenjati għall-intervista. Ikun assenjat kriterju speċifiku għal dan il-għan.

6.6 Il-marka massima għall-intervista hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.7 Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-management li jalloka lill-impjegati skont HR Plans stabbiliti, jekk elenkati fil-lista biex joqogħdu għall-intervista, l-kandidati eliġibbli tintbagħtilhom formola biex jindikaw erba' (4) oqsma fl-amministrazzjoni li l-aktar jaqblu mal-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom, u skont liema karriera jixtiequ jsegwu. Il-formola mimlija għandha tiġi ppreżentata fid-data tal-intervista.

6.8 Kanditati li jonqsu milli jattendu għall-intervista fid-data/i mingħajr raġuni ġustifikata, ikunu meqjusa li abandunaw il-proċess tal-għażla.

6.9 Ir-riżultat tat-test dwar l-abbiltà ġenerali jibqa' validu għal tliet (3) snin filwaqt li r-riżultat finali ta' dan il-proċess tal-għażla jibqa' validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

6.10 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li, waqt il-proċess tat-test tal-abbiltà ġenerali, jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tal-istruzzjonijijet li jkunu tqassmu lill-kandidati.

6.11 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar it-test dwar l-abbiltà ġenerali jekk tinsab xi irregolarita' dwar dan it-test. Tħassir bħal dan jista' jkun tat-test kollu, ukoll jekk l-irregolarita' li tinstab tkun dwar stadju partikolari tat-test. Azzjoni fir-rigward ta' xi irregolarita'/mġieba mhux xierqa waqt l-intervista tittieħed mill-

Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq rakkommandazzjoni tal-Bord tal-Għażla li jkun qiegħed iwwettaq l-intervisti.

6.12 Id-Direttur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali, li jiġi esebit fuq in-notice board tal Edu Servizz.gov (One Stop Shop), Ministeru għall-Edukazzjoni, il-Furjana, u dik taċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

6.13 Avviżi dwar il-ħruġ tar-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali jkunu maħruġa: (i) fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet li jista' jiġi aċċessat fuq (https://myexams.gov.mt); u (ii) permezz ta' SMS lill-kandidati li jissottomettu numru tal-telefon ċellulari validu mal-applikazzjoni tagħhom.

6.14 Id-Direttur tal-Eżamijiet jibgħat ukoll ir-riżultat individwali u l-ordni ta' klassifikazzjoni tat-test tal-abbilta' ġenerali permezz tal-email lill-kandidati kollha li joqogħdu għall-eżami.

6.15 Ir-riżultat finali tal-proċess tal-għażla jiġi ppubblikat mid-Diviżjoni dwar Nies u Standards u jiġi esibit fuq in-notice boards tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards u tal-Ministeru għal Għawdex.

6.16 Notifika tal-ħruġ tar-riżultat finali jintwera fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards u tintbagħat permezz ta' e-mail u SMS.

6.17 Minħabba li t-test tal-abbilta' ġenerali huwa kompletament awtomatizzat, petizzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rigward l-intervista biss. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bl-ebda mod ma tidħol fil-mertu tal-marki miksuba fit-test tal-abbilta' ġenerali. F'każ ta' petizzjoni, għandha tasal għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sa għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data ta' meta tidher in-notifika tal-pubblikazzjoni tar-riżultat fuq is-sit tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur tal-Eżamijiet, Ministeru għall-Edukazzjoni permezz tar-Recruitment Portal **biss** f'wieħed minn dawn l-indirizzi: https://recruitment.gov.mt jew https://edurecruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant); Ċertifikat tal-Kondotta fil-każ ta' nies li m'humiex Uffiċjali Pubbliċi li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format pdf; kopji scanned tal-kwalifiki li jinkludu fejn applikabbli transcripts; u miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondabbli), li għandhom ikunu sottomessi permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **17.15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Mejju, 2021**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

Applikanti prospettivi huma mwissija li ma joqogħdux jistennew sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-possibilita' ta' xi ħsara jew staġnar fl-internet u li jistgħu iwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Hija r-responsabbilta' tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

L-applikanti għandhom jiżguraw li wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom, għandhom iżommu kopja tal-irċevuta mibgħuta lilhom permezz ta' email, bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw sad-data u l-ħin tal-għeluq, **biss** jekk ikollhom din l-irċevuta.

7.2 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux ikkunsidrati.

7.3 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

## Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.